# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 1402/00/SM**

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Julia Bartolo u Julia Bartolo.**

**vs**

**Odette Vella.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm574.21,0), in linea ta' danni – minnha kkagunati – segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq il-Ferrovija, Attard fis-17 ta' Settembru, 1999 ghall-habta tas-6.00 p.m. meta hi kienet qed issuq il-vettura Nru. AAR-276 baqghet diehla gol-vettura Nru. BAI-587 proprjeta' ta' Julia Bartolo – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hi kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datat 8 ta' Mejju, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' Lawrence Degiorgio, xufier tal-vettura proprjeta' tal-attrici Julia Bartolo;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenuta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fiz-17 ta' Settembru ta' l-1999 ghall-habta tas-6.00 p.m. fi Triq il-Ferrovija, H'Attard, u fih kienu involuti l-vetturi bin-numru AAR-276 tal-marka Austin Mini misjuqa mill-konvenuta u dik bin-numru BAI-587 tal-marka Opel proprjeta' tal-attrici Julia Bartolo misjuqa minn Lawrence Degiorgio;**

2. **Illi jirrizulta li hekk kif il-konvenuta Vella kienet qed tohrog ghat-triq principali kif jidher fl-iskizz a fol 14, wara li harset u rat li t-triq kienet vojta u allura setghet tipprocedi, giet il-vettura ta' l-attrici misjuqa mill-imsemmi Degiorgio bis-sahha minn naha ta' Santa Katerina u baqa' diehel fil-konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif jidher anke mill-iskizz gia citat, il-konvenuta kienet fi triqitha u hadet il-prekawzjonijiet kollha biex tipprocedi fit-triq minghajr ma timmina l-inkolumita' taghha jew ta' haddiehor;**

**Illi l-vettura l-ohra pero' jirrizulta li ghamlet manuvra azzardata u perikoluza li ddur kantuniera skomda b'velocita' eccessiva b'perikolu ghaliha u ghall-haddiehor;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati tiddikjara li l-incident in dizamina ma sehhx tort u htija ta' l-eccipjenti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**